**Imħallfin:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - Aġent President**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo B.A., LL.D.**

John A. Scicluna *noe*

*versus*

Simon Felice

**Differiment Żbaljat - Sentenza - Nullità - *Error Judicis Error Partis***

*Jirriżulta li ingħatat sentenza meta l-kawża ma kinitx differita għas-sentenza u li s-sentenza ingħatat f'ġurnata meta l-kawża ma kinix differita u barra hekk f'seduta fejn ma kinitx tiffigura fuq il-lista tal-kawżi ta' dak in-nhar. Evidentement is-sentenza appellata hija nulla.*

*Fuq l-iskorta tal-prinċipju* error judicis error partis *l-ispejjeż jiġu sopportati mill-partijiet nofs kull wieħed.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-kawża fl-ismijiet premessi fil-5 ta' Ottubru, 1994 u li hija kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine* ppremetta:

*Omissis*;

Talab li dina l-Qorti:

Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur *nomine* is-somma

ta' Lm2,857.55,0 (elfejn, tmien mija u sebgħa u ħamsin lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu) rappreżentanti ammont dovut għal telefonati effettwati b'mod abbusiv u illegali fuq in-numru telefoniku 223070;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-preżenti kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

"In linea preliminari l-azzjoni attriċi hi preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

Bla preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub hu esaġerat ħafna;

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

*Omissis*;

"Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba ta' l-attur kontra l-konvenut bl-ispejjeż;

Jiddekorru l-imgħax fuq l-ammont b'din is-sentenza kanonizzat mid-data tan-notifika lill-konvenut ta' l-att taċ-ċitazzjoni sad-data ta' l-effettiv pagament";

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Simon Felice

permezz ta' petizzjoni ppreżentata fil-11 ta' Ottubru, 1994 li fiha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tannulla l-istess bl-ispejjeż;

L-attur *nomine* appellat ippreżenta risposta ta' l-appell fis-27 ta' Lulju, 1995, li biha fil-mertu, filwaqt li rriserva li jipproduċi dawk il-provi kollha ulterjuri permessi mil-liġi sabiex jikkontesta l-appell odjern, irrimetta ruħu għas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti;

Ikkunsidrat:

Skond l-appellant, is-sentenza appellata hija nulla għas-segwenti motivi:

Skond il-*prime note* tas-27 ta' Ġunju, 1994, il-kawża kienet ġiet differita għat-trattazzjoni finali għall-udjenza ta' l-14 ta' Ottubru, 1994;

Dan jirriżulta kemm mil-lista tas-seduta tas-27 ta' Ġunju, 1994 fejn il-kawża kienet imniżżla bin-numru 14 kif ukoll minn dik ippreparata għas-seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 1994 fejn din il-kawża kienet imniżżla bin-numru 12;

Ma jirriżulta mill-ebda att li l-kawża ġiet rikjamata għall-5 ta' Ottubru, 1994, data li fiha effettivament ingħatat is-sentenza appellata;

Illi ankorkè dan kien ikun hekk, il-Qorti xorta waħda ma setgħetx tippronunzja s-sentenza meta l-kawża kienet imħollija għall-finali trattazzjoni;

In effetti l-appellanti jissottometti li inċidentalment sar jaf

li kienet ingħatat is-sentenza appellata fis-7 ta' Ottubru, 1994 meta l-avukat difensur tiegħu kien qed jiċċekkja xi atti fir-reġistru tal-Qorti;

Huwa jissottometti ukoll li safejn jirriżultalu, il-kawża fl-*ismijiet premessi lanqas kienet tiffigura fost il-kawżi imniżżla* fuq il-lista tal-5 ta' Ottubru, 1994;

Konsegwenza loġika ta' dan kollu skond l-appellant hija li din il-Qorti għandha tannulla s-sentenza hekk mogħtija u tirrimetti l-atti llura lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex il-każ jiġi *ttrattat ai termini tal-verbal tas-27 ta' Ġunju, 1994;*

Ikkunsidrat:

Jiġi osservat qabel xejn illi minn eżami ta' l-atti proċesswali jidher li l-aħħar verbal illi hemm infilzat fil-proċess huwa dak tad-9 ta' Ġunju, 1994 minn fejn jirriżulta li l-kawża kienet ġiet differita għat-trattazzjoni finali għas-27 ta' Ġunju, 1994 tissejjaħ fid-9.15 a.m. bl-intiża li titħalla għas-sentenza;

Hu żgur li fis-27 ta' Ġunju, 1994 din il-kawża ssejjħet minħabba li fil-proċess hemm nota ta' Saviour Farrugia li bih assuma l-atti tal-kawża flok John A. Scicluna li ġiet preżentata seduta stante. Ma jirriżultax però il-verbal ta' dik is-seduta. Kif anqas jirriżulta xi verbal ta' xi seduta sussegwenti;

Il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ġunju, 1994 ġie invece anness bħala dokument mal-petizzjoni ta' l-appellanti. Il-veraċità ta' dan id-dokument, għalkemm mhuwiex awtentikat mir-Reġistratur ma ġietx kontestata u minnu jirriżulta illi dak in-nhar il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni finali għall-14 ta' Ottubru;

Mid-dokumenti l-oħra li ġew esebiti mal-petizzjoni ta' l-appell jirriżulta fil-fatt li ma hemm xejn x'jindika li ma kienx hekk u ċjoè li verament il-kawża kienet impoġġija fuq il-lista għas-smigħ fis-27 ta' Ġunju, 1994 bin-numru 14 u li ġiet differita għall-14 ta' Ottubru u effettivament kienet tidher fuq il-lista ta' l-14 ta' Ottubru, bin-numru 12. Ġiet prodotta ukoll kopja tal-"frontespizju" tas-seduta tal-5 ta' Ottubru, 1994 li minn eżami minn din il-Qorti ma jirriżultax li fiha tiffigura l-kawża mertu ta' l-appell tal-lum. Jiżdied biss li għal darba'oħra għalkemm dawn id-dokumenti ma jidhrux awtentikati mir-Reġistratur nonostante l-veraċità tagħhom ma ġietx kontestata mill-konvenut m'hemmx raġuni għaliex din il-Qorti għandha tiddubita mill-korrettezza tagħhom;

F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa ovvju li l-aggravju ta' l-appellant huwa fondat għall-aħħar u jidher li x'imkien f'xi ħin sar żball, probabbilment dovut għall-fatt li fl-atti proċesswali ma ddaħħalx il-verbal importanti tas-27 ta' Ġunju, 1994 u b'hekk ġiet żgwidata l-Ewwel Qorti li inċidentalment għas-seduta tal-5 ta' Ottubru, 1994 jidher li kellha żewġ kawżi oħra fuq il-lista fejn l-attur kien l-istess attur odjern. Dan ma jiġġustifikax però lil din il-Qorti li tħalli l-affarijiet għaddejja jew li tikkonferma s-sentenza appellata, peress li din evidentement hija nulla. Dana peress li, fl-ewwel lok ingħatat sentenza meta l-kawża ma kinitx differita għas-sentenza u t-tieni sentenza ingħatat f'ġurnata meta l-kawża ma kinitx differita u inoltre f'seduta fejn ma kinitx tiffigura fuq il-listta tas-seduti (*sic*) ta' dak in-nhar;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi akkolt u s-sentenza appellata qed tiġi dikjarata nulla minn din il-Qorti u konsegwentement l-atti qed jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-liġi;

L-ispejjeż ta' din il-kawża stante ċ-ċirkostanzi u fuq l-iskorta tal-prinċipju *error iudicis error partis* jiġu sopportati mill-partijiet nofs kull wieħed.